# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' il-5 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Numru : 388/2022 JPG**

**Kawza Numru : 33**

**MC**

**Vs**

**CC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC datat 18 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-8 ta' Settembru 1990 (DOK 'A'), u miz-zwieg kellhom zewgt itfal KC, li twieled f'X u li allura ghandu X sena, u CC, li twieled f'Y u li allura ghandu Y sena;*

2. *Illi l-imsemmija kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr Christine Abela fil-25 ta' Settembru 2018 (Dok 'B');*

3. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi fl-ewwel lok, kienu reciprokament irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom li jitolbu l-manteniment minghand xulxin (il-*

*paragrafu bin-numru 5 ta' l-istess kuntratt), u fit-tieni lok, kienu kkwantifikaw il-kontribut ta' l-esponent lejn il-manteniment t'uliedu Kurt u Clive fis-somma mensili ta' erba' mija u sitti Ewro (€460.00), ossija is-somma mensili ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00) ghal kull iben (il-paragrafu bin-numru 2(g) ta' l-istess kuntratt);*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

5. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontndenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kodici Civili ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dak il-kundizzjonijiet mahsuba fl-isemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsmmi Artikolu 66C.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li taqra hekk (Vide Fol 19)

1. *Illi hija taqbel mat-talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tal-hall taz-zwieg;*

2. *Illi hija tikkonferma li l-manteniment dejjem thallas puntwali u ma hemm l-ebda arretrati dovuti;*

3. *Illi ma hemm l-ebda propsett ghar-rikonciljazzjoni tal-partijiet;*

4. *Illi l-esponenti titlob illi mal-pronunzjament tal-hall taz-zwieg hija tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe 'A;*

5. *Illi l-esponenti toggezzjoni ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni stante li t-talba hija tar-rikkorent.*

Rat il-verbal tal-10 ta' Novembru 2022 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-partijiet ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 21.)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1990 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggjorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Settembru 2018 fl-atti tan- Nutar Dr Christine Abela. Xehed illi rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, filwaq li  l-manteniment ghall-uliedu dejjem thallas. Kompla jixhed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 20) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha. Sostniet li tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha "A".

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 1613/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela nhar il-25 ta' Settembru 2018 (vide Dok 'B' fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Rat it-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha A.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1613/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-**

**intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'A' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**